FONTANA

Minuti tat-tieni laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn, 18 t`April 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

**Korrispondenza**

Id-Dar tal-Providenza bagħtet korrispondenza lill-Kunsill dwar wirja tat-tpinġijiet oriġinali li jidhru fil-ktieb '*A Colourful Diversion*' maħruġ mis-Sur Joe Sammut. Dawn it-tpinġijiet ser ikunu għall-bejgħ u l-fondi ser imorru għad-Dar tal-Providenza. Nhar il-Ġimgħa, 20 ta` Mejju ser issir l-inawgurazzjoni ta` dan il-ktieb u tinfetaħ il-wirja.
Il-Fondazzjoni OASI talbet *sponsorship* ta` Lm50 għal Riflessi Sajfin 2005. Il-Kunsill qabel unanimament illi jħallas l-ammont ta` Lm50 għal din l-attivita'
L-Uffiċċju Elettorali bagħat korrispondenza dwar ir-reviżjoni tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali.
Is-Sur Noel Formosa, Rappreżentant Reġjonali, bagħat korrispondenza dwar il-kuntratt tal-*Bring-in-Sites*.
Dwar l-applikazzjoni nru. 07617/03 f`tarf Triq ta` Mulejja ġew ippreżentati pjanti ġodda lill-M.E.P.A. fejn l-*area* tal-bini ġiet imċekkna, iżda xorta baqgħet parti quddiem il-*belvedere*. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li ż-żmien biex il-Kunsill jikkummenta kien ser ikun għadda qabel ikun iltaqa` l-Kunsill, hu mar il-M.E.P.A. u kellem lill-*Case Officer* is-Sur David Cassar dwar dawn il-pjanti ġodda. Is-Sur Cassar tkellem mal-Perit Raphael Axiaq fejn dan infurmah li sakemm il-Kunsill ma jibdilx id-deċiżjoni tiegħu l-*objection* li kienet saret qabel tibqa` valida għalhekk ma hemmx għalfejn terġa' ssir. Is-Sur Cassar informa lis-Sindku li ser jibgħat dan il-*file* lill-M.E.P.A. Malta biex jindikawlu fejn hi l-linja ta` żvilupp. Meta jerġa' jiġi l-*file* lura Għawdex huwa għandu jinforma l-Kunsill biex is-Sindku jkun jista' jmur jarah.
L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għal permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana.
Il-M.E.P.A. bagħtet tinforma lill-Kunsill dwar is-smiegħ ta` l-appell ta` Triq ix-Xlendi. Dan ser jinstema' nhar l-Erbgħa, l-1 ta` Ġunju 2005 fil-10.45a.m. fil-*Board Room* ta` l-Awtorita'

ta` l-Ippjanar fir-Rabat Għawdex. Is-Sindku u l-Kunsillier Lorry Apap ser jattendu għal dan is-smiegħ.

Is-Sur Natalino Attard, Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bagħat korrispondenzi dwar il-Ftehim Kollettiv u l-Kuntratt għas-Segretarji Eżekuttivi.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar l-allokazzjoni għas-sena finanzjarja 2005-2006. L-allokazzjoni għall-Kunsill tagħna ser tkun Lm45,340.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat kopja ta` *reminder* li ntbagħat lid-Dipartiment ta` l-Artijiet sabiex jiġi mgħarraf jekk il-Pulizija wasslitx l-ordni ta` żgumbrament lil min qed jokkupa l-190 u l-191 Triq tal-Għajn, Fontana.

L-Avukat Ian Micallef, President ta` l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, talab informazzjoni sabiex tiġi aġġornata d-*database* tal-Kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.

L-Assoċjazzjoni bagħtet ukoll rimburs ta` ammont imħallas żejjed minħabba bidla fid-data u l-post tal-laqgħa tas-Sindki li saret f`Settembru 2004.

Inqrat Stqarrija għall-iStampa u Meżżi tax-Xandir 4/2005 dwar Direttiva mogħtija lis-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Inqrat Ċirkulari AKL 15/2005 dwar *Websites* tal-Kunsilli Lokali.

Inqrat Ċirkulari AKL 16/2005 dwar Ftehim Kollettiv – Segretarji Eżekuttivi.

Inqrat Ċirkulari AKL 17/2005 dwar *Yellow Pages* 2005/6.

Inqrat Ċirkulari AKL 18/2005 dwar Provista ta` Servizz ta` sigurta' għad-depożitu ta` flus tal-Kunsilli Lokali tal-Kumitati Konġunt.

Inqrat Ċirkulari AKL 19/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Paul Formosa, missier is-Sur Anthony Formosa, Viċi-Sindku ta` San Lawrenz.

Inqrat Ċirkulari AKL 20/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Joe Penza, Kunsillier fil-Kunsill Lokali Luqa.

Inqrat Ċirkulari AKL 21/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sinjura Maria Gambin, omm is-Sinjura Francesca Pace Gambin, Segretarju Eżekuttiv.

Inqrat Ċirkulari AKL 22/2005 dwar Regolamenti dwar *littering* u *dumping*.

Inqrat Ċirkulari AKL 23/2005 dwar Servizz ta` ġarr ta` flus mill-Kunsilli Lokali.

Inqrat Memo 11/2005 dwar Il-Proċedura l-ġdida ta` l-Ewwel Laqgħa tal-Kunsill wara l-Elezzjoni Lokali (Marzu 2005).

Inqrat Memo 12/2005 dwar Proċeduri dwar il-Verifika.

**Mistoqsijiet**

Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

***Website* tal-Kunsill**

Għall-laqgħa ġie mistieden jattendi s-Sur Savio Sacco tal-kumpanija *OS3* sabiex jiġi diskuss is-suġġett tal-*Website*. Is-Sur Sacco bagħat diversi kopji t`*e-mails* dwar il-kuntatt li kellu maċ-CIMU fuq il-*Website*. Wara li saret diskussjoni, l-Kunsill qabel illi x-xogħol fil-bini tal-*Website* jibda mill-ġdid. Għaldaqstant is-Sur Sacco ser jagħti *quotation* lill-Kunsill dwar dan ix-xogħol.

**Is-sitwazzjoni ta` l-indafa tal-lokal**

Għal din il-laqgħa ġew mistiedna jattendu l-kuntratturi li għandu l-Kunsill fir-rigward ta` l-indafa tal-lokal. Attenda s-Sur Toni Mercieca li għandu l-offerta tal-ġbir ta` l-iskart domestiku u kummerċjali. Is-Sindku qal lis-Sur Mercieca li qed jitħallew ċerta boroż f`xi toroq. Is-Sur Mercieca qal illi sa fejn jaf hu l-iskart jinġabar kollu pero' jekk qed jitħallew xi boroż dan qed ikun bi żvista u ser jieħu ħsieb li dan ma jsirx. Is-Sur Mercieca ġie mitlub jiġbor l-iskart li jkun hemm fil-*bin* li hemm fi Triq John Gaspard Le Marchant kantuniera ma` Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Issemma wkoll il-punt li fi Sqaq l-Andar jidher li mhux dejjem qed jidħol jiġbor l-iskart, bil-konsegwenza li dan qed jispiċċa fil-kantuniera ta` l-Isqaq ħdejn l-Uffiċċju tal-Kunsill. Intqal ukoll illi s-servizz inġenerali huwa wieħed tajjeb.

Is-Sur Emanuel Grech attenda f`isem martu Jenise li għandha l-kuntratt tat-tindif u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi. Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa kull meta titnaddaf il-*public convenience*. Is-Sur Grech wieġbu li titnaddaf regolarment. Is-Sindku qal illi għandha bżonn tibjida. Is-Sur Grech ser jieħu ħsieb illi jagħmel dan. Huwa nforma lill-Kunsill li peress li qed jidħol ammont t`ilma minn mal-ħajt, is-sistema tad-dawl mhix taħdem kif suppost. Il-Kunsill qabel illi s-sistema tad-dawl għandha tintefa' sakemm tiġi rranġata mill-ġdid. Il-Kunsillier Lorry Apap offra li jmur flimkien mas-Sindku jara x`hemm ħażin fis-sistema. Is-Sur Grech qal ukoll illi kissru l-bieb tal-*public convenience* u ser jirranġah spejjeż tiegħu. Is-Sindku ssuġġerixxa illi l-latrina tibda tinfetaħ fit-tmienja ta` filgħodu sa tmiem il-kuntratt f`Ġunju 2006. Il-Kunsilliera Maria Schembri qalet illi l-latrina ftit li xejn tintuża u għaldaqstant m`hemmx bżonn. Il-Kunsill qabel illi bi prova għal sitt xhur il-latrina tibda tinfetaħ fit-tmienja ta` filgħodu minflok fl-għaxra kif stipulat fil-kuntratt. Il-Kunsill qabel ukoll illi jħallas l-ammont ta` 46c kuljum sabiex isir dan, dan b`effett mill-1 ta` Mejju 2005.

Attenda wkoll is-Sur Victor Attard li għandu l-kuntratt tal-knis tat-toroq. Is-Sindku qal illi s-sitwazzjoni trid titjieb. Irid jinġabar it-trab kif hemm fil-kuntratt u l-ħmieġ tal-klieb. Is-Sindku għandu jmur mas-Sur Attard u jaraw x`hemm bżonn li jsir. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lis-Sur Victor Attard sabiex jaqta` l-ħaxix f`parti minn Triq Wied Siekel li mhux imniżżel fil-kuntratt għall-prezz ta` Lm30.00,0.

**Mozzjonijiet**

Mozzjoni Nru. 1 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi tinkiteb ittra lil 'Din l-Art Ħelwa' sabiex issir laqgħa magħhom dwar dan is-suġġett. Sussegwentament isiru l-applikazzjonijiet neċessarji mal-M.E.P.A.

Mozzjoni Nru. 2 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Lorry Apap. Il-Kunsill qabel illi joħroġ offerta bil-prezz ta` Lm15 sabiex ikun jista` jsir dan ix-xogħol. Il-Kunsilliera għandhom imorru jaraw *Playing Fields* li sar fihom xogħol simili fi rħula oħra.

Mozzjoni Nru. 3 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi tinkiteb ittra lin-*Nature Trust* fejn nitolbuha li ssir laqgħa magħhom biex ituna pariri dwar x`għandu jsir għar-riabilitazzjoni tal-widien.

Mozzjoni Nru. 4 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Viċi-Sindku. Il-Kunsill qabel u ser jorganiżża ħarġa f`Għawdex għar-residenti kollha f`Mejju.

Mozzjoni Nru. 5 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Lorry Apap. Il-Kunsill qabel illi jipprepara l-lista tan-niċeċ li hawn fil-lokal, biex wara li ssir il-konsultazzjoni u jinħarġu l-permessi meħtieġa jibdew jiġu restawrati.

Mozzjoni Nru. 6 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi din il-mozzjoni tiġi diskussa f`laqgħa oħra. Il-Kunsillier Lorry Apap talab id-dokument biex jara jekk sarx telf jew qliegħ mis-sistema tal-*pooling* tal-Gwardjani Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv għaddietlu dan id-dokument.

Mozzjoni Nru. 7 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Lorry Apap. Il-Kunsill qabel illi jitlob laqgħa mal-Ministru għal Għawdex biex jiġi diskuss ix-xogħol li hemm bżonn isir fir-rigward tat-toroq arterjali li jridu jinbnew mill-ġdid.

Mozzjoni Nru. 8 tas-Sur Lorry Apap u ssekondata mis-Sindku. Il-Kunsill qabel illi jordna sabiex issir din il-bankina għand id-Dipartiment tad-Distretti. Dwar il-bankini l-oħra li hemm pendenti u li ġew approvati fil-laqgħa tal-14 ta` Marzu li għadda l-Kunsill qabel li jiġu ordnati lill-kuntrattur. Wara jiġi mqabbel il-prezz ta` min ġie l-irħas bejn il-kuntrattur u d-Dipartiment tad-Distretti.

Mozzjoni Nru. 9 tas-Sur Lorry Apap ma ġietx issekondata.

Mozzjoni Nru. 10 tas-Sur Lorry Apap u ssekondata mis-Sindku. Is-Sindku qal illi l-aħħar informazzjoni li kellu l-Kunsill mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp hi li ħarġet l-offerta sabiex tingħata t-tarmak.

Mozzjoni Nru. 11 tas-Sur Lorry Apap u ssekondata mill-Kunsillier Anthony Cassar. Il-Kunsilliera Maria Schembri ma ħaditx sehem għaliex għandha nteress. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi ta` kuljum fil-post imsemmi qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku. Is-Sindku nfurmah li xi erba` snin ilu l-Kunsill kien ġab il-permessi meħtieġa biex jitwaħħlu tabelli *'No Parking'*. Meta kienu ser jitwaħħlu l-uffiċċjal inkarigat qal li kellu ordnijiet biex ma jitwaħħlux. Peress li din it-triq ma taqax taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill il-proċess waqaf hemm. Il-Kunsillier Apap għandu jara l-*file* ta` l-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta.

Mozzjoni Nru. 12 tas-Sur Lorry Apap u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel u ser jordna tabella għand *Mr. Signs*. Dwar il-katusa li qed tnixxi d-drenaġġ il-Kunsill qabel illi jikteb lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma.

**<u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | |
|---|---|
| *M.I.T.T.S.* | Lm 32.21,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm 23.60,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm 13.75,0 |
| Il-Barri *Restaurant* | Lm 31.25,0 |

| | |
|---|---|
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm 6.63,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm 69.99,0 |
| Anthony Said | Lm 7.50,0 |
| *Koptaco Coaches* | Lm 59.00,0 |
| *Local Councils Association* | Lm123.00,0 |
| Total | Lm366.93,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 01/2005 ġiet approvata.

**Ilmenti/Suġġerimenti**

Għall-laqgħa attenda s-Sur Charles Beal, li joqgħod 2, Triq Wied Siekel, fejn ippreżenta kopja ta` lment li huwa bagħat lill-M.E.P.A. dwar l-iżvilupp illegali li qiegħed isir fi Triq Wied Siekel. Is-Sur Beal spjega lill-membri tal-Kunsill x`qiegħed jiġri fis-sit imsemmi. Il-Kunsill qabel li diġa ħa azzjoni dwar dan il-każ, għalhekk m`hemmx għalfejn jerġa' jikteb lill-M.E.P.A.

Is-Sur Vincent Farrugia ta` "Rustica" Triq tal-Għajn, ressaq tliet ilmenti dwar il-problema li qed ikollu sabiex idaħħal il-vetturi tiegħu fil-garaxx, dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħanut tal-ħaxix li joqgħod ħdejh u dwar il-konġestjoni tat-traffiku quddiem id-dar tiegħu. Is-Sur Farrugia ppreżenta diversi ritratti li jispjegaw eżatt il-problema li għandu u ta xi suġġerimenti biex tkun tista` tissolva l-problema. Is-Sindku u l-Kunsillier Anthony Cassar diġa' kellmu lil sid il-ħanut u jidher li qed jikkopera, peress li dan l-ilment diġa tressaq fil-laqgħa tal-lokalita'. Dwar l-istorbju l-membri qalu li l-Pulizija tidħol u l-Kunsill ma jista' jagħmel xejn f`dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel illi jkellem lil xi Uffiċċjal mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta u jistaqsi jistax isir xi ħaġa f`din l-*area* fir-rigward ta` dawk li għandhom garaxx, peress li qed tkun problema għar-residenti biex idaħħlu l-vetturi tagħhom fil-garaxx.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi daħal ilment dwar parti mir-*railing* tat-taraġ fi Triq tal-Għajn li hu perikoluż. Il-Kunsill qabel illi dan jitranġa.

Is-Sinjura Nancy Custo' ta` *"Ortensia"* Triq il-Qalb ta` Ġesu' talbet lill-Kunsill sabiex issir il-bankina ta` ħdejn il-*plot* tad-dar tagħha sabiex jitnaqqas l-ammont ta` trab u ħmieġ tal-klieb li qed ikun hemm f`dik il-parti. Is-Sindku ppropona li fil-post ssir tabella dwar il-ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill qabel illi ssir din it-tabella u jinkesa bis-siment il-wiċċ ta` din il-bankina.

Is-Sur George N. Cassar ta` 17, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili kiteb lill-Kunsill dwar il-kwalita ħażina ta` l-ilma b`riħa u togħma qawwija ta` kloru u dwar il-problema perenni tat-traffiku. Dwar l-ewwel materja il-Kunsill qabel illi jikteb lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma sabiex isiru t-testijiet neċessarji. Dwar it-traffiku s-Sindku ppropona li ssir laqgħa mal-Kap ta` l-Iskola sabiex tiġi diskussa l-possibilita' li jinfetaħ bieb fi Triq Sir Arturo Mercieca, kif issuġġerixxa s-Sur Cassar biex it-tfal ikunu jistgħu jidħlu minn hemm. Il-Kunsill qabel.

Is-Sinjura Ċelestina Sciberras ta` *"Windales"*, Sqaq l-Andar talbet sabiex issir sistema ta` drenaġġ fi Sqaq Nru. 3 fi Triq tal-Għajn peress li m`hemmx sistema ta` drenaġġ. Il-Kunsill qabel illi kopja ta` din l-ittra tintbagħat lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma biex jingħata dan is-servizz. Il-Kunsilliera Maria Schembri ma ħaditx sehem peress li għandha nteress.

Is-Sur John-Mark Vella ta` *"Sweet Valley"*, Triq San Martin talab lill-Kunsill sabiex titranġa l-parti ta` quddiem id-dar tiegħu fejn jinġabar ammont sostanzjali ta` ilma peress li t-triq ixxaqleb lejn in-naħa tiegħu. Is-Sindku spjega lill-Kunsill is-sitwazzjoni ta` dan il-każ u wara sar ftehim li l-Kunsilliera jmorru fuq il-post biex jaraw x`inhi eżatt il-problema. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li din hija l-istess problema ta` Triq is-Sajjieda.

Is-Sinjura Doris Sammut ta` *"But'n'Ben"*, Triq tal-Għajn talbet lill-Kunsill sabiex jirranġa l-ħofor li hemm fit-tarf tal-bankina ta` ħdejn Toni Cassar peress li huma perikolużi. Il-Kunsill qabel illi jirranġahom permezz tal-*patching*.

Is-Sinjura Frances Vassallo ta` 6, Triq tal-Għajn talbet lill-Kunsill sabiex isewwi ħofra li hemm maġenb il-bankina tagħha peress illi meta tagħmel ix-xita iżżomm l-ilma. Il-Kunsill qabel illi din il-ħofra tissewwa bis-siment.

Is-Sinjura Sunta Cordina ta` 225, Triq tal-Għajn talbet lill-Kunsill sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa biex titranġa tappiera tad-drenaġġ li tinsab quddiem id-dar tagħha. Din qed tkun t`inkonvenjent kull darba li jgħaddu l-vetturi peress li qed jikkaġunaw storbju u tisbit. Il-Kunsill qabel illi jgħaddi dan l-ilment lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma, li hija responsabbli mid-Drenaġġ.

Ms. Marinton Borg ta` 15, Triq Għajn Tuta talbet lill-Kunsill sabiex wara l-bieb tagħha jsir bil-madum, madwar 10 metri peress li kif inhi t-triq hi t`inkonvenjent għaliha. Il-Kunsill qabel li ssir.

**<u>Materji oħra</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament illi tingħata l-onorarja sħiħa lis-Sindku. Din l-*allowance* ma għandha f`ebda każ tkun iżjed minn tlieta u tletin fil-mija ta` l-onorarju li minn żmien għal żmien jitħallas lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi s-Sinjorina Micheline Magrin waqfet taħdem mal-Kunsill taħt l-iskema tal-*jes* peress li sabet xogħol. Dan b`effett mit-28 ta` Marzu 2005.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-*financial statements* għas-sena li għalqet fil-31 ta` Marzu 2005. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Anthony Cassar irritorna l-*mobile* lura peress li ma jaħdimx. Il-Kunsill qabel illi jinġabru l-*quotations* sabiex jinxtraw sitt *mobiles* ġodda.

Il-Korporazzjoni EneMalta bagħtet *invoice* ta` Lm100 bħala *fee* għas-sena 2005. Il-Kunsill qabel unanimament illi għalissa din il-*fee* ma titħallasx għaliex jidher illi m`hemmx bżonn ta` lampi ġodda fil-lokal.

Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġu ordnati żewġ *badges* tad-deheb bl-arma tal-Fontana biex jingħataw lill-Kunsilliera l-ġodda. Il-Kunsill qabel u dawn ser jiġu ordnati għand is-Sur George Farrugia Ta` *Dbieġi Jewellers*.

Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill iġib kwotazzjonijiet għal żewġ *bins* ta` l-iskart wieħed għall-Pjazza l-Għejjun u ieħor għal ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali, kif ukoll tinxtara dik il-parti ta` fuq li hemm nieqsa għall-*bin* li hemm fil-*Playing Field*.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar il-qtugħ tal-ħaxix fit-telgħa `l isfel mill-Knisja mill-ħaddiema tat-Taqsima Indafa Pubblika.
Is-Sindku attenda wkoll laqgħa dwar l-emendi li saru fil-*Littering Act* li saret fil-Ministeru għal Għawdex mal-Onor. Ministru George Pullicino, Ministru ta` l-Ambjent, kif ukoll Pontifikal li sar fil-Katidral t`Għawdex għal ruħ il-Papa Ġwanni Pawlu II.
Twaħħlet ukoll il-mera fi Triq John Gaspard Le Marchant kantuniera ma Triq il-Kardinal Alessandro Franchi.
Bdew ukoll jinżebgħu s-sinjali tat-toroq u sar *patching* fi Triq l-Isptar San Ġiljan.
Is-Sindku qal ukoll li jrid jiġi ordnat arblu ieħor għall-gallarija tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan jiġi ordnat għand is-Sur Paul Galea.
Is-Sindku qal ukoll li jrid isir rapport lill-Korporazzjoni EneMalta biex isiru żewġ globi ġodda minflok dawk miksura wieħed taż-*zebra crossing* u l-ieħor minn ta` fuq iz-zuntier tal-Knisja.
Is-Sindku qal ukoll illi jrid isir rapport biex tappiera tad-drenaġġ isirilha l-lastiku biex ma tħabbatx. Din tinsab quddiem id-dar nru. 243 fi Triq tal-Għajn.
Trid ukoll tinfetaħ l-Għajn ta` Bendu peress li l-grada m`hix qed tirċievi l-ilma kollu. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lis-Sur Michael Refalo.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li attenda għal żewġ laqgħat tal-Kumitat Konġunt dwar il-Gwardjani Lokali.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi saret il-ħarġa għall-anzjani li kienet suċċess, fejn attendew madwar ħamsin persuna. Żorna Marsaxlokk għall-festa ta` San Girgor, Delimara, l-Imġarr fejn ħadna t-te` u diversi postijiet fil-kampanja f`Malta.

Il-laqgħa ntemmet fis-9.05 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 16 ta` Mejju 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

Josianne Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg<br>Sindku